MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tat-13 ta' Gunju, 2007

Citazzjoni Numru. 847/2006

Ronnie Caruana
vs
JDC Company Limited

Il-Qorti,

## A. RIKORS:

Rat ir-rikors tar-rikorrent li bih espona:

1. Illi r-rikorrent u s-socjeta` intimata kienu ffirmaw konvenju fit-23 ta’ Mejju 2006 fejn is-socjeta` intimata obbligat ruha li tbiegh lir-rikorrent garage internament markat bin-numru disgha (9) li jinsab fl-upper basement level u cioe` fis-sular taht il-groundfloor li jifforma parti minn korp ta’ garages fuq zewg sulari u maisonette fuqu, kollox korp wiehed b’access ghalih minn drive in li tipprovdi access u li taghti fuq Triq Tumas Fenech go Birkirkara liberu u frank u bid-dritt ta’ access u usu tad-drive in, kif ahjar spjegat fl-istess konvenju, kopja Dok A, u bil-prezz ta’ sitt elef lira (Lm6000);

2. Illi l-istess konvenju kien gie debitament registrat fil-31 ta’ Mejju 2005 mal-Kummissarju tat-Taxxi Interni, Capital Transfer Duty Department bin-numru PS200604371, kopja Dok B;

3. Illi s-socjeta` intimata naqset li tersaq ghall-pubblikazzjoni tal-att finali sat-23 ta’ Awissu 2006 skond l-istess konvenju u dana ghalkemm kienet giet debitament interpellata bl-ittra ufficjali numru 2802/2006 li giet ipprezentata fil-21 ta’ Awissu 2006, kopja Dok C u dan ai termini tal-Artiklu 1357 Kap 16;

4. Illi r-rikorrent kien jaf b’dawn il-fatti personalment.

Ir-rikorrent talab lill-Qorti:

1. Tiddikjara li s-socjeta` intimata kissret il-pattijiet tal-imsemmi konvenju billi ma resqitx ghal pubblikazzjoni tal-att finali fi zmien miftiehem.

2. Tikkundanna l-istess socjeta` intimata tersaq ghall-pubblikazzjoni tal-att finali ai termini tal-istess konvenju.

3. Tiffissa gurnata, hin u lok ghall-pubblikazzjoni tal-att finali u tappunta kuratur ghal kull eventwali kontumaci, u Nutar biex jippublika l-att relattiv, preferibbilment in-Nutar Dr. Malcolm Mangion, li kien gja` imqabbad mir-rikorrent.

Bl-ispejjes kontra s-socjeta` intimata, inkluzi dawk tal-mandat ta’ inibizzjoni li gie prezentat kontestwalment mar-rikors, li giet ingunta in subizzjoni fil-persuna tad-diretturi taghha u b’riserva ghal kwalunkwe azzjoni ohra spettanti lir-rikorrent.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mir-rikorrent.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensur tar-rikorrent.

Ikkunsidrat

**B. PROVI:**

Xehed Ronnie Caruana li qal li minn meta gie prezentat ir-rikors fid-19 ta' Settembru 2006 kollox baqa' l-istess u ma kien hemm l-ebda rejazzjoni mis-socjeta` intimata la ta' hlas u lanqas biex tidher fuq il-kuntratt.

Rat illi s-socjeta` intimata ghalkemm debitament notifikata baqghet kontumaci.

**C: KONKLUZJONIJIET:**

Illi ghalhekk peress li t-talbiet rikorrenti jidhru gustifikati l-Qorti tilqaghhom filwaqt li tiddikjara li s-socjeta` intimata kissret il-pattijiet tal-imsemmi konvenju billi ma resqitx ghal pubblikazzjoni tal-att finali fi zmien miftiehem.

Tikkundanna l-istess socjeta` intimata tersaq ghall-pubblikazzjoni tal-att finali ai termini tal-istess konvenju.

Tiffissa l-25 ta' Lulju 2007 fil-11.00 a.m. fl-edificcju tal-Qorti ghall-pubblikazzjoni tal-att finali u tappunta lil Dr. Adrian Camilleri bhala kuratur ghal kull eventwali kontumaci, u n-Nutar Dr. Malcolm Mangion biex jippubblika l-att relattiv.

Bl-ispejjes kontra s-socjeta` intimata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------